Australian Government
Department of Health

BE COVIDSAFE

# Karta tal-fatti: L-Ittestjar tal-ħaddiema tal-kura tal-anzjani li huma asimptomatiċi

30 t'Ottubru 2020

Biex jgħin fil-protezzjoni tar-residenti u tal-ħaddiema f'faċilitajiet tal-kura tal-anzjani residenzjali ffinanzjati mill-Commonwealth, il-Gvern Awstraljan qed jittestja ħaddiema li mhumiex qed juru sintomi tal-COVID-19. Jekk għandek il-virus imma mhux qed turi sintomi, dan ifisser li int asimptomatiku.

L-ittestjar huwa importanti biex jgħin ħalli jinstabu persuni li għandhom COVID-19 li qed jaħdmu fil-kura tal-anzjani, qabel ma jidhru li huma ma jifilħux. Dan ser jgħin lill-awtoritajiet tas-saħħa, lil min iħaddem jidentifikaw fejn qed ikun hemm trasmissjoni komunitarja, qabel ma jkun hemm tifqigħa tal-COVID-19.

Ftakar li t-testijiet tal-COVID-19 huma biss indikazzjoni f'dak il-punt taż-żmien jekk int marid. Kulħadd irid:

- iżomm miżuri ta' iġjene tajba
- Jara li qed isegwi l-parir dwar l-użu tal-PPE u miżuri oħra tal-kontroll tal-infezzjoni
- joqgħod b'għajnejh miftuħa għas-sintomi tal-COVID-19
- jerġa' jiġi ttestjat jekk ma jiflaħx anki b'mod moderat.

## L-ittestjar hu manditorju?

Le, il-parteċipazzjoni hi volontarja. Aħna nħeġġuk li tkun ittestjat biex tgħin fil-protezzjoni tiegħek innifsek u tar-residenti.

L-ittestjar jgħin lil min iħaddmek, u lill-awtoritajiet tas-saħħa jsibu każijiet pożittivi qabel ma tfaqqa' l-imxija.

BE COVIDSAFE

## Ser ikolli bżonn niżola ruħi wara li nagħmel it-test?

Le, mhux ser ikollok bżonn tiżola ruħek wara li tagħmel it-test jekk tħossok tajjeb u mhux qed turi kwalunkwe sintomi tal-COVID-19.

Jekk tiżviluppa sintomi, huma kemm huma ħfief, int trid toqgħod id-dar u tfittex parir mediku.

## Kif ser inkun naf ir-riżultati tiegħi?

Jekk int tirreġistra bin-numru tal-mowbajl tiegħek int ser tirċievi ir-riżultati negattivi tiegħek permezz ta' messaġġ bit-text.

Il-Melbourne Pathology ser tirrapporta kwalunkwe riżultati pożittivi ta' COVID-19 direttament lill-Unit tas-Saħħa Pubblika ta' Victoria. Il-Unit tas-Saħħa Pubblika ser javżak u lill-faċilità tal-kura tal-anzjani fejn taħdem.

Oqgħod id-dar jekk tħossok ma tiflaħx jew jekk tirċievi riżultat pożittiv, u segwi d-direzzjoni tal-Unit tas-Saħħa Pubblika.

## Nista' niġi ttestjat fi klinika tal-patoloġija?

Iva, il-ħaddiema tal-kura tal-anzjani f'Victoria jistgħu jaċċessjaw l-ittestjar tal-COVID-19 u ma jħallsu xejn u l-kont jintbagħat lil Medicare (bulk-billing) billi jmorru fi klinika privata tal-patoloġija. Jekk jogħġbok ġieb miegħek il-kard tiegħek tal-Medicare u kard tal-ID biex turi li int taħdem f'servizz tal-kura tal-anzjani fil-Victoria. Jekk m'għandekx il-kard tiegħek tal-ID, tista' ġġieb xi provi oħra bħal l-uniformi tiegħek.

## Għandi nagħmel it-test jekk imbukkajt l-COVID-19 qabel?

Jekk tħossok ma tiflaħx u mhux qed turi sintomi, imma kont ittestjat pożittiv fl-aħħar tlett xhur, jekk terġa' tagħmel it-test, għandu mnejn jirriżulta f'pożittiv falz.

Hemm xhieda li tissuġerixxi li matul l-aħħar tlett xhur wara r-riżultat ta' test pożittiv, il-virus għandu mnejn jirriżulta f'riżultat inqas eżatt jekk ikun hemm aktar testijiet.

## Meta għandi nerġa' nagħmel it-test?

Jekk għaddew tlett xhur mill-aħħar test tiegħek pożittiv, int għandek tieħu sehem fl-ittestjar asimptomatiku li qed isir fil-faċilità tiegħek tal-kura tal-anzjani.

Jekk tħossok ma tiflaħx jew għandek sintomi int għandek tagħmel it-test minnufih.

## Ikkuntattja lil Victorian Aged Care Response Centre għal aktar tagħrif:

1800 413 957